

# San Pawl Meqjum fiż-Żejtun

## Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina

**minn Tony Terribile**

Meta dan il-ktieb ta' programm jitqassam fid-djar tal-parroċċa taż-Żejtun, fl-okkażjoni tal-festa titulari, inkunu resqin lejn tmiem is-sena Pawlina.

Din is-sena ġiet imnidieja mill-Papa fl-okkażjoni tal-elfejn sena mit-twelid tal-appostlu missierna San Pawl, li fis-sena sittin sena wara t-twelid ta' Kristu, il-Providenza Divina wasslitu fil-ġżejjer tagħna u hawn xettel il-Knisja ta' Kristu.

Din is-sena Pawlina bdiet fl-Imnarja tas-sena l-oħra u se tintemm fl-Imnarja ta' din is-sena, jiġifieri fi ftit jiem oħra.

Kbir ħafna huwa l-kult li għadu jfakkarna f'dan il-qaddis kbir. Dan insibuh f'kull belt u raħal f'dawn il-gżejjer.

Il-Katidral tal-Imdina huwa ddedikat lilu kif inhuma wkoll il-Paroċċi tar-Rabat, tal-Belt Valletta, ta' Ħal Safi u tal-Munxar.

Ma' dawn insemmu wkoll għadd ta' knejjes żgħar u kif ukoll kappelli bħal dawk ta' Birkirkara, ta' Xrobb il-Għaġin, tal-Mosta, tan-Naxxar, ta' San Pawl il-Baħar, ta' Ħ'Attard, ta' Bormla u ta' Marsalforn.

Għandna mbagħad numru ta' monumenti storiċi bħal m'hi il-Grotta li tinsab fir-Rabat fejn San Pawl kien jgħix matul iż-żmien li dam fi ġżiritna, għandna wkoll il-ġżejjer fejn jingħad li l-ġifen tfarrak mal-blat ta' dawn il-ġżejjer, għandna mbagħad il-knisja magħrufa bħala tal-Ħġejjeġ fejn jingħad li sar miraklu tal-lifgħa, għandna wkoll il-knisja magħrufa bħala San Pawl Milqgħi fejn jingħad li kienet il-villa ta' Publiju u li fiha San Pawl iltaqa' ma' dan il-prinċep tal-ġżira, għandna wkoll l-istatwa kolossali li tinsab fir-Rabat magħrufa bħala ta' San Pawl taż-Żurżieqa fejn jingħad li dan l-appostlu ppriedka minn hawn u instema minn Għawdex, għandna wkoll l-għajn storika tal-ilma li tinsab f'San Pawl il-Baħar magħrufa bħala Għajn Razul jiġifieri l-Għajn tal-Appostlu għax jingħad li San Pawl beda din l-għajn.



Ma' dawn it-tifkiriet xieraq li nsemmu t-tliet relikijwi insinji li għandhom il-Parroċċi tal-Belt u tar-Rabat. Qiegħed nirreferi għar-relikwija tad-Driegħ u tal-Kolonna tal-Martirju li jinsabu fil-Kolleġġjata tal-Belt u oħra mogħtija mid-Duka ta' Mantova lil Grotta tar-Rabat.

F'għadd kbir ta' knejjes parrokkjali u oħrajn insibu wkoll altari laterali bħal fil-knisja tan-Naxxar, tal-Mosta, tal-Furjana, l-Imsida, il-Gżira, ta' Ġiżu l-Belt u oħrajn fosthom wieħed fil-knisja arċipretali taż-Żejtun.

Fuq dan l-altar wieħed jista' jammira pittura sabiħa tal-pittur Żejtuni Mikiel Busjuttil li tirrappreżenta l-konsagrazzjoni ta' San Publiju bħala l-ewwel isqof ta' Malta minn San Pawl. Hi tabilħaqq pittura sabiħa li turi il-kapaċità ta' dan l-artist iżda ż-Żwieten mal-mixja tas-snin ħarġu din il-qima Pawlina fit-toroq, waħda minn dawn ġiet ukoll

imsemmija għal dan il-qaddis, iżda fit-toroq taż-Żejtun wieħed jista' jara żewġ niċeċ tal-ġebel imwaqqfa f'ġieħ San Pawl. L-ewwel waħda tinsab fi triq Marsaxlokk fejn naraw l-istatwa tal-qaddis imqiegħda fuq mewnsola tal-ġebel u mżejna bl-indulġenza mogħtija mill-arċisqof Pietro Pace fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin u dan ifisser li din ix-xbieha llum tgħodd aktar minn mitt sena. Fl-imgħoddi wkoll kien jinxtegħel quddiemha fanal tal-ħadid u l-oħra tinsab f'kantuniera bejn Triq Strejnu u Triq Xrobb il-Għaġin. Hawn naraw statwa tal-ġibs imqiegħda f'niċċa li mill-istil tagħha tidher qadima sew.



Dawn it-tifkiriet kollha li rajna f'diversi inħawi ta' Malta u Għawdex huma l-aqwa u l-isbaħ xhieda li minkejja li għaddew dawn is-snin kollha mill-miġja ta' San Pawl f'Malta il-kult Pawlin għadu kbir u mifrux ħafna u għalhekk kellu ħafna raġun il-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila meta fl-1923 kiteb hekk "Malta u Pawlu min jifridhom / għad jixhduh iż-żminijiet".



Ċissu High-Up

*Tel: 2167 7126*
*Mob: 7973 4077*

Ġarr ta' torba, żrar, ramel u ġebel
Kompressur għall-kiri

ncs COMPUTERS

**Importers and Distributors of Computer Hardware and Software**

**Alfred Cachia Zammit Street, Żejtun, Malta**
**Tel: (00356) 2180 0842**
**Mobile: 9945 0056**

**See Complete Range of Products on our New Website**

**www.ncsmalta.net**

email: ncs@maltanet.net